Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/505

20.3.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/505

tad-19 ta' Marzu 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/632 fir-rigward tal-prolongazzjoni tal-miżuri temporanji fir-rigward ta' frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina, mill-Brażil, mill-Afrika t'Isfel, mill-Urugwaj u miż-Żimbabwe biex jipprevjenu l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-pest *Phyllosticta citricarpa* (Mc Alpine) Van der Aa u t-tixrid tiegħu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/632 [2] jistabbilixxi miżuri fir-rigward tal-frott tas-*Citrus* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., u l-ibridi tagħhom, għajr il-frott tas-*Citrus aurantium* L. u tas-*Citrus latifolia* Tanaka ("il-frott speċifikat"), li joriġina mill-Arġentina, mill-Brażil, mill-Afrika t'Isfel, mill-Urugwaj u miż-Żimbabwe, biex jipprevjenu l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-*Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa ("il-pest speċifikat") u t-tixrid tiegħu. Dan jiskadi fil-31 ta' Marzu 2025.

(2) Mill-2022, l-Istati Membri rrappurtaw diversi okkorrenzi ta' nuqqasijiet ta' konformità minħabba l-preżenza tal-pest speċifikat fl-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina, mill-Afrika t'Isfel, mill-Urugwaj u miż-Żimbabwe. Barra minn hekk, u minn dik is-sena, ma seħħet l-ebda importazzjoni fl-Unjoni tal-frott taċ-ċitru speċifikat li joriġina mill-Brażil. Għalhekk, ma kienet possibbli l-ebda valutazzjoni tal-livell ta' konformità tal-Brażil mal-miżuri tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/632.

(3) B'riżultat ta' dan, jeħtieġ li jinżammu l-miżuri stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/632 għall-frott speċifikat minn kull wieħed minn dawk il-pajjiżi terzi, peress li dawk il-miżuri għadhom meħtieġa biex ir-riskju fitosanitarju rispettiv għat-territorju tal-Unjoni jinżamm f'livell aċċettabbli.

(4) Ir-riskju fitosanitarju, ikkaġunat mill-preżenza tal-pest speċifikat fl-Arġentina, fil-Brażil, fl-Afrika t'Isfel, fl-Urugwaj u fiż-Żimbabwe, u mill-importazzjoni tal-frott speċifikat minn dawk il-pajjiżi terzi fl-Unjoni, ivarja kull sena fir-rigward ta' kull pajjiż terz ta' oriġini għall-frott speċifikat. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi vvalutat aktar abbażi tal-aħħar żviluppi tekniċi u xjentifiċi dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-pest speċifikat.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/632 jinżammu sal-31 ta' Marzu 2028.

(6) Peress li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/632 jiskadi fil-31 ta' Marzu 2025, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' April 2025 biex tiġi evitata kwalunkwe lakuna legali.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

[1] ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/632 tat-13 ta' April 2022 li jistabbilixxi miżuri temporanji fir-rigward ta' frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina, mill-Brażil, mill-Afrika t'Isfel, mill-Urugwaj u miż-Żimbabwe biex jipprevjenu l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-pest *Phyllosticta citricarpa* (Mc Alpine) Van der Aa u t-tixrid tiegħu (ĠU L 117, 19.4.2022, p. 11; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/632/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/632

Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/632, l-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

Data ta' skadenza

Dan ir-Regolament għandu jiskadi fil-31 ta' Marzu 2028.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN